MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 30

10 ta' Novembru 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 30 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Viċi Sindku E. Bartolo li kien impenjat fuq ħidma oħra tal-Kunsill u l-Kunsillier J. Buttigieg li kien indispost.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għall-minuta 10.6. (**Ref: F/1/20)** tas-seduta preċedenti u talab li l-iskeda illi tifforma parti mill-istess minuta tinqara kif ġej:

| **Kont** | **Deskrizzjoni tan-Nefqa** | **Vot Attwali (€)** | **Vot Miżjud (€)** | **Żieda (€)** |
|---|---|---|---|---|
| **1800** | **Onorarja tal-Kunsillieri** | **-** | **1,800** | **1,800** |

| | **Vot s'Issa** | **Vot wara r-Reviżjoni** |
|---|---|---|
| Somma ta' Kontingenza | 94,502 | 13,299 |

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 29 li saret fit-23 ta' Ottubru 2009 ġew approvati u ffirmati bl-emenda t'hawn fuq.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Premju Lokalitajiet Indaf u l-Iljieli Melleħin 2009 (A/5/3/5/Vol II)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u qal li permezz ta' ittra datata 28 ta' Ottubru 2009, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għarraf li ser issir għotja ta' €1,000 bħala kumpens għall-ispejjeż li saru mill-Kunsill biex sar tindif f'diversi postijiet bħala parti mill-attivitajiet marbuta ma' l-Iljieli Melleħin 2009. Huwa qal ukoll li r-rebbieħ tal-Premju Lokalitajiet Indaf ser jitħabbar aktar 'il quddiem.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.2.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti dwar l-użu tal-Moll tat-Tunnara (X/1/5)(T/4/13/Vol X)**

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa flimkien mal-Viċi Sindku E. Bartolo ltaqgħu mal-Kumitat tas-Sajjieda tat-Tunnara, fejn kien hemm qbil li l-Kamra tas-Sajjieda għandha titnaddaf sabiex tkun tista' titbajjad u jitneħħew oġġetti li ġew abbandunati minn sidhom u b'hekk jinħoloq aktar spazju għall-istess sajjieda. Kopja taċ-ċavetta tal-Kamra ser tibqa' tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill. Intlaħaq ftehim ukoll li għandu jsir xi forma tal-lqugħ sabiex ma ssirx ħsara lill-moll meta l-baħar ikun qawwi. Intalab ukoll sabiex jiżdied riflettur ieħor ma' dak eżistenti sabiex il-moll ikun imdawwal kollu.

2.2.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti li ġew diskussi ma' l-kumitat.

**2.3.1. Żjara fil-Mellieħa minn grupp ta' Sindki Franċiżi (M/6/Vol V)**

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u qal li s-Sindki Franċiżi ġew milqugħa u trattati tajjeb ħafna fl-Arches Restaurant fejn saret preżentazzjoni fuq il-Mellieħa. Il-grupp ittieħed is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u x-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija. Flimkien mas-Sindku R. Cutajar, attendew ukoll il-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillier J. Azzopardi. Is-Sur R. Cutajar ppropona li għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-operatur ta' l-istess stabbiliment.

2.3.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**2.4.1. Festa tal-Qara' Aħmar fil-Manikata (S/6/Vol IV)**

2.4.2. Is-Sindku rrefera għal minuta 14.1. tas-seduta preċedenti. Huwa fakkar li s-sehem tal-Kunsill fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita` kellu jkun li jagħmel il-kuntatti meħtieġa biex jiġu mislufa l-i*stands* u l-palk, kif ukoll li jagħmel tajjeb għall-kiri tal-apparat tal-audio. Il-ġarr ta' l-imsemmija *stands* u l-palk kellu jsir mill-membri tal-Koperattiva Rurali tal-Manikata. Huma qed jikkontestaw dan u qed jallegaw li l-kont relattiv għandu jitħallas mill-Kunsill. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa kiteb lill-Koperattiva biex jirribatti dan.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**2.5.1. Quddiesa fiċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena A/5/3/Vol VIII)**

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li bi ftehim mal-Kappillan Dun Karm Mercieca, il-Quddiesa fiċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena fl-okkażjoni tax-xahar ta' l-erwieħ ser issir nhar il-Ħadd 15 ta' Novembru 2009 fl-4.00pm. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li sar kuntatt ma' l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina sabiex jieħdu sehem fil-Quddiesa.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Tisbiħ u arranġamenti tat-traffiku ġodda fi Triq Qasam Barrani (K/6/4/1)**

2.6.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk inġiebx permess biex inqalgħu s-siġar fi Triq Qasam Barrani, kif ukoll dak ta' l-Awtorita` tat-Trasport biex tneħħiet is-*centre-strip*.

2.6.3. Is-Sindku fakkar li skond il-*Monitoring Unit* tal-*Malta Embellishment and Landscaping Project,* fi ħdan id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, is-siġar li kien hemm fuq ir-*roundabout* u s-*centre-strip* huma ta' l-ispeċi Casuarina *(She Oak),* li m'humiex protetti. Ġie kkonfermat ukoll mis-Sur Darrin Stevens mill-MEPA illi t-tneħħija tagħhom ma tinħtieġ permess mill-MEPA. Dan kien ikkonfermat permezz ta' *e-mail* mill-istess MEPA, datat 10 ta' Novembru 2009.

2.6.4. Dwar is-siġar tal-ispeċi Tamarisk li jinsabu fis-*soft area* ta' biswit il-parkeġġ quddiem l-iskola, is-Sur R. Cutajar spjega li s-Sur Silvio Scicluna mill-*Malta Embellishment Landscaping Project*, permezz ta' *e-mail* datat 27 ta' Ottubru 2009, ta l-permess sabiex siġar protetti tat-Tamarisk ikunu jistgħu jiġu trasferiti sakemm il-kuntrattur inkarigat ikun taħt is-superviżjoni stretta u d-direzzjoni ta' spettur mill-*Monitoring Unit* tal-MELP.

2.6.5. Is-Sindku qal li x-xogħol fuq it-tqattiegħ tat-triq biex jgħaddu s-servizzi qed jitwettqu wara li l-Awtorita` tat-Trasport ħarġet il-permess lill-kuntrattur (1343/09). Is-Sur R. Cutajar fakkar li ġiet sottomessa applikazzjoni lill-MEPA – PA4737/09 – sabiex ikun jista' jsir il-*landscaping* tas-*soft area* li tinsab biswit il-parkeġġ ta' quddiem il-iskola. Kemm-il darba jinħareġ il-permess, il-*bill of quantities*, li diġa tħejja mill-Perit J. Attard, jsirlu t-tibdil li jista' ikun meħtieġ u sussegwentement issir sejħa għall-offerti.

2.6.6. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa jiddeplora l-pubblikazzjoni ta' artikli bħal dak li kien hemm fil-gazzetta "Il-Kullħadd" tal-25 ta' Ottubru 2009, fejn ġie allegat li "*sal-lum għadu ħadd ma jaf x'tip ta' monument se jkun, hekk kif bħal ħafna drabi oħra s-Sindku …. qieghed jaġixxi waħdu u mingħajr ebda konsultazzjoni*". Is-Sindku rrimarka li dan mhux ġust meta l-abbozz tal-monument propost għal fuq ir-*roundabout* kien intwera lill-Kunsill kollu fl-istess jum meta tqegħdet l-ewwel ġebla fit-13 ta' Settembru 2009. Huwa kkummenta wkoll li dawn it-tip ta' artikli jiġu nstigati jew bl-approvazzjoni ta' uħud mill-kunsillieri.

2.6.7. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li dawn l-akkużi m'għandhomx isiru billi wieħed jattribwixxi l-kitba tagħhom lil xi persuna partikulari. Huwa ċaħad li kien parti fil-kitba tal-artiklu msemmi.

2.6.8. Is-Sindku kkummenta li l-kunsillieri Laburisti fl-ebda waqt ma ntervjenew fuq l-istess ġurnal biex jgħidu kif huma l-fatti. Huwa qal ukoll illi appelli li saru biex tieqaf din il-kampanja orkestrata fil-konfront tiegħu u tal-Kunsill, ġew injorati.

### 2.7.1. Korsijiet taż-żfin (E/3/1/8)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.10.1. tas-seduta preċedenti. Huwa qal li l-korsijiet ikunu jistgħu jinbdew il-lezzjonijiet taż-żfin hekk kif il-kap ta' l-Iskola Primarja tagħti l-permess tagħha sabiex tintuża s-sala tal-istess skola għal dan il-għan.

2.7.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 2.8.1. Ħaddiema klerikali b'kuntratt ta' servizz (P/7/1/Vol VIII)

2.8.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sinjura Odette Zammit fit-tmiem ta' sitt snin u nofs ta' servizz klerikali li hija tat lill-Kunsill.

2.8.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 16/10/09 – 05/11/09
- *Purchase Request Form* – 10/11/09
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 26/09/09 – 21/10/09
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 22/10/09 – 27/11/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 12/10/09
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar il-Manutenzjoni tad-Dwal tat-Toroq – 27/10/09
- Abbozz tal-Programm – Milied Mellieħi 2009

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tismija ta' toroq (T/4/1/Vol II)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għal ittra datata 26 ta' Ottubru 2009, mibgħuta mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq illi flimkien ma' l-Uffiċċju Elettorali ġibdu l-attenzjoni li t-toroq segwenti huma bla isem:

Triq ġdida fi Triq il-Biegħa
Triq ġdida fi Triq l-Imġiebah
Triq ġdida fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa
Triq ġdida fi Triq it-Tunnaġġ

4.1.3. Is-Segretarju aċċenna li teżisti wkoll Triq Ġdida fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, li tiġi bejn id-Ċentru tad-Distribuzzjoni tal-Enemalta u Triq Lewis Wettinger. Huwa qal li fl-istess post inbnew appartamenti mill-Awtorita` tad-Djar illi fi ftit taż-żmien ieħor ser jiġu okkupati.

4.1.4. Il-Kunsill iddeċieda li t-toroq imsemmija għandhom jissemmew kif ġej:

| | |
|---|---|
| Triq ġdida fi Triq il-Biegħa | Deċiżjoni tħalliet għal seduta oħra |
| Triq ġdida fi Triq l-Imġiebaħ | Triq il-Fidwa Tal-Ilsiera |
| Triq ġdida fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa | Triq il-Ħawlija |
| Triq ġdida fi Triq it-Tunnaġġ | Għandha tingħata isem marbut mat-tunnara |
| Triq ġdida fi Triq il-Mitħna l-Ġdida | Triq Monsinjur Ġużeppi Schembri |

4.1.5. Kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jerġa jitqajjem fis-seduta li jmiss.

### 4.2.1. Maratona Sportiva 2009 (S/6/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 28 ta' Ottubru 2009, mibgħuta mis-Societa` Filarmonica La Vittoria li organizzat Maratona Sportiva 2009, bejn it-30 ta' Ottubru u l-Ħadd l-1 ta' Novembru 2009 Il-maratona kienet tikkonsisti f'loghob tat-*table-tennis* u tal-i*snooker*, *American Pool*, *Playstation*, *netball*, *football*, *volleyball*, *car wash,* kif ukoll wirja ta' vettturi kollettibbli. Il-maratona ngħalqet mill-kor tat-tfal tas-soċjeta, Annabelle Debono, Philip Vella u kantanti ohra. Id-dhul se jingħata bhala donazzjoni lid-Dar tal-Providenza. L-organizzaturi appellaw lill-Kunsill sabiex jikkontribwixxi b'risq l-għan ta' din l-inizjattiva.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa u għalhekk kien hemm qbil li għandu jsir kuntatt mas-soċjeta`.

4.2.4. Is-Sindku qal li dakinhar stess kien hemm *open day* fin-Noah's Arc Animal Sanctuary f'Wied Musa ġewwa l-Aħrax, fejn kien preżenti il-Kap tal-Opposizzjoni l-Onor. Dr Joseph Muscat. Fuq talba tal-membri tal-kumitat tas-Soċjeta` La Vittoria huwa stieden lil Dr Muscat sabiex jattendi wkoll għall-maratona, liema stedina ġiet milqugħa.

### 4.3.1. PA 4142/09 – Użu ta' spażju qrib Marea Kiosk fl-Għadira (P/5/8/G)

4.3.2. Saret referenza għal applikazzjoni PA 4142/09 mis-sidien ta' Marea Kiosk fl-Għadira sabiex jiġi ssanzjonat l-użu ta' spażju li hemm taħt taraġ li bnew huma stess skond il-permess PA 0071/01.

4.3.3. Ittieħed in konsiderazzjoni li t-taraġ kien oriġinarjament inbena mingħajr il-permess tal-MEPA iżda wara kien ġie sanzjonat mill-istess MEPA, minkejja r-rappreżentazzjonijiet li kienu saru dwaru mill-Kunsill waqt li kien qed jinbena. Il-Kunsill oġġezzjoni għal din it-talba minħabba li jinħoloq preċedent.

### 4.4.1. Tnedija ta' korsijiet E-BIZ immirati lejn il-komunita` kummerċjali (E/3/1/9/Vol III)

4.4.2. Il-Kunsillier C. Bartolo għamel referenza għall-ittra datata 4 ta' Novembru 2009, mibgħuta minn TCTC Ltd, fejn ħabbru li ser jintroduċu korsijiet tal-kompjuter immirati lejn il-komunita` kummerċjali, liema korsijiet ser jiġu ffinanzjati mill-HSBC Bank u l-istess TCTC Ltd. Il-Kunsill ġie mistoqsi dwar jekk ikunx interessat li jissieħeb f'din l-inizjattiva. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li dan il-proġett ser jiġi mniedi fiċ-Ċentru tal-HSBC Bank F'Ħal Qormi fil-25 ta' Novembru 2009.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa f'din l-inizjattiva, filwaqt li l-Kunsillieri C. Bartolo u P. Cutajar qalu li ser jattendu għat-tnedija fil-25 ta' Ottubru.

### 4.5.1. *Open Day* fin-*Noah's Arc Animal Sanctuary* (A/9)

4.5.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 13.1. u qal li fl-1 ta' Novembru 2009 il-Kunsill ipparteċipa bit-tħawwil ta' siġar. Għall-istess attivita` attendew ukoll il-Ministru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura l-Onor. George Pullicino u l-Kap ta' l-Opposizzjoni l-Onor Joseph Muscat. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li bl-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti, huwa stieden lil Dr Muscat sabiex iħawwel siġra.

4.6.1. *Premio per l'Ambiente Gianfanco Merli 2009* (P/10/4)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 21 ta' Ottubru 2009, mibgħuta mill-Movemento Azzurro, li hija organizzazzjoni ambjentali bbażata f'Ruma. Huwa fakkar li riċentement kien hemm kuntatti ma' din l-organizzazzjoni sabiex saret applikazzjoni lill-Unjoni Ewropea bil-għan li jiġu ffinanzjati erba' proġetti bit-tema: (a) *International OASIS of Author*; (b) *International Technological OASIS for the Knowledge of Buildings by the Value Analysis*; (c) *International OASIS Contemporary Sculptors*; u (d) *International OASIS Pre-Existing Cultural and Environmental*. B'riżultat tal-kuntatti li kien hemm saret stedina sabiex huwa jattendi għaċ-ċerimonja fejn ser jiġi ppreżentat il-premju msemmi fil-11 ta' Diċembru 2009 ġewwa Ruma, l-Italja. Bil-għan li jitkomplew il-kuntatti, is-Sur R. Cutajar ippropona li huwa għandu jattendi flimkien mal-Viċi Sindku E. Bartolo. Filwaqt li l-Kunsill jeħtieġ jagħmel tajjeb għall-vjaġġ, l-akkomodazzjoni ġiet offruta mingħajr ħlas lill-organizzaturi.

4.6.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

4.7.1. ***Budget* 2010 tal-Gvern Centrali** **(F/1/21)**

4.7.2. Saret referenza għal ittra datata 10 ta' Novembru 2009 mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said dwar il-miżuri li tħabbru fil-*budget* tal-Gvern Ċentrali b'rabta mal-operat tal-Kunsilli Lokali. Il-miżuri ewlenin mħabbra kienu kif ġej:

- Żieda fl-allokazzjoni finanzjarja bi €3.5 miljun fuq tas-sena preċedenti;
- Fond ta' €1 miljun sabiex tinħoloq skema ta' *private public partnership* intiża biex jiġu asfaltati toroq residenzjali;
- Żieda għal €500,000 fil-fond ta' ko-finanzjament ta' proġetti tal-Unjoni Ewropea;
- Fond ta' €2 miljuni għall-proġetti u iniżjattivi speċjali fil-lokalitajiet li jinkludi:
    1. Għajnuna diretta lil dawk il-Kunsilli Lokali li jridu jagħtu servizzi estensivi kemm lir-residenti kif lil eluf li jżuruhom fil-lokalita`;
    2. Studji fuq il-*playing fields* u *playgrounds* kollha sabiex titjieb is-sigurta` għal minn jużahom;
    3. Fond għal attivitajiet kulturali;
    4. Fond għal attivitajiet sportivi fil-lokalitajiet għal kulħadd, b'differenza;
    5. Fond għall-proġetti speċjali fil-lokalitajiet;
    6. Fond għal inizjattivi mill-Kunsilli Lokali fil-qasam tal-enerġija nadifa; u
    7. Fond għal ħidma fil-qasam speċjali u sabiex il-postijiet pubbliċi jkunu aċċessibbli għal kulħadd.
- Tkomplija tas-servizz mill-ħaddiema ta' l-IPSL u taħt l-Community Work Scheme ta' l-ETC;
- Inkoraġġiment lill-Kunsilli Lokali sabiex jitwaqqfu fora konsultattivi għall-intrapriżi li jaħdmu fil-lokalita` biex ikun hemm koperazzjoni ma' dan is-settur;
- Inċentivar tal-Kunsilli Lokali biex iġibu konferenzi f'Malta permezz tal-ġemellaġġi;
- Użu tal-*Commuted Parking Payment Scheme* biex jinħolqu parkeġġi fil-lokalitajiet; u
- Tisħiħ tal-programm tal-Kunsilli Lokali li jirrigwarda ż-żgħażagħ.

4.7.3. Is-Sindku ppropona li għandha tinħareġ stqarrija għall-istampa sabiex jiġi espress sodisfazzjon għall-fiduċja murija mill-Gvern fil-Kunsilli Lokali permezz ta' l-inizjattivi elenkati hawn fuq.

4.7.4. Il-Kunsill innota l-miżuri msemmija, filwaqt li l-opinjoni ġenerali tal-Kunsill kienet favur il-ħruġ ta' l-istqarrija proposta, jekk kemm-il darba l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ma toħroġ ebda stqarrija.

**4.8.1.** ***Trans-European Road Network* - Triq ta' l-Ghadira (T/3/3/Vol IV)**

4.8.2. Saret referenza għal stqarrija għall-istampa datata 30 ta' Novembru 2009, maħruġa mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, wara konferenza stampa li ngħatat mill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni l-Onor. Austin Gatt. Is-Sindku qal li minkejja r-raġunijiet għaliex għandha tiġi dirottata t-triq ta' l-Għadira għadhom validi, il-proġett ser ikollu jiġi pospost minħabba li l-*funding period* tiegħu, impost mill-Unjoni Ewropea dalwaqt ser jiskadi. Biex ma' jintifux dawn il-fondi, il-Ministeru ddeċieda li jirrijalloka l-istess fondi fuq il-proġett tal-*junction* tal-Kappara. Is-Sur R. Cutajar qal li l-Gvern ser jibqa' kommess li jwaqqaf il-ħsara li qed issir fir-ramla u għalhekk it-triq ser issir minn fondi pubbliċi.

4.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.9.1. Skedar tal-Wied ta' Għajn Żejtuna (P/5/7)**

4.9.2. Saret referenza għall-Avviż Nru. 872 fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Ottubru 2009, li permezz tiegħu l-MEPA skedat il-parti t'isfel tal-Wied ta' Għajn Żejtuna, bis-saħħa tal-*Policies* RCO 10, RCO 12 U RCO 15 tal-Pjan ta' Struttura. Ġie spjegat li l-kriterji li fuqhom ibbażat id-dikjarazzjoni tagħha kienu:

- L-importanza ekoloġika tan-naħa t'isfel tal-wied u l-eżistenza ta' nixxiegħa ta' l-ilma;
- Il-ħarsien tal-parti tal-wied fejn in-nixxiegħa ta' ilma tmiss max-Xatt ta' Santa Marija; u
- Il-masġar li hemm biswit ma Triq il-Qasab.

4.9.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li permezz ta' ittra datata 2 ta' Novembru 2009, il-MEPA tat l-opportunita` lill-pubbliku sabiex iressaq il-kummenti tiegħu sa tletin jum mid-data msemmija.

4.9.4. Il-Kunsill laqa' din id-deċiżjoni b'sodifazzjoni u qabel li għandha tinħareġ stqarrija għall-istampa biex jiġi espress dan is-sodisfazzjon.

**4.10.1. Rijabilitazzjoni ta' strutturi miltari tat-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/Vol II)**

4.10.2. Il-Kunsillier H. Fenech ippropona sabiex id-diversi strutturi eżistenti tat-Tieni Gwerra Dinjija fil-lokalita` għandhom jiġu mnaddfa u rijabilitati.

4.10.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li passi f'din id-direzzjoni diġa qegħdin jittieħdu bid-devoluzzjoni tax-Xelters, id-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa, u t-talba li saret fir-rigward ta' tliet *pill boxes* u *beach post* fil-Wied ta' l-Imġiebaħ. Ġie mfakkar ukoll li fil-każ ta' l-Imġiebaħ saret applikazzjoni għall-finanzjament taħt il-Miżuri 313 u 323 taħt il-Programm għall-Iżvilupp Rurali ta' l-Unjoni Ewropea.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 10 ta' Novembru 2009.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-16 ta' Ottubru u l-5 ta' Novembru 2009.

6.3. Tressqu wkoll żewġ skedi ta' infieq li sar bil-*petty cash* li bejniethom kienu jkopru l-perjodu 26 ta' Settembru sas-27 ta' Novembru 2009.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut tat-tliet skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

**7.1. Inizjattivi li jinvolvu l-Manikata (E/3/1/9/Vol III) (M/1)**

7.2. Is-Sindku stqarr li mill-kuntatti illi qed ikun hemm mar-residenti tal-Manikata, jidher li hemm domanda sabiex jsiru faċilitajiet sportivi, l-egħluq ta' Misraħ il-Parroċċa għat-traffiku, titjib tat-trasport pubbliku, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' korsijiet fl-istess raħal.

7.3. F'dak li jirrigwarda l-faċilitajiet sportivi, il-Kunsill identifika biċċa art biswit Triq ir-Radet sabiex tkun tista' tintuża bħala *five-a-side pitch* u għalhekk għandhom jinbdew kuntatti mad-Dipartiment ta' l-Artijiet.

7.4. Dwar it-titjib tat-trasport pubbliku, il-Kunsill kien tal-fehma li huwa importanti ħafna li tiġi ntrodotta rotta diretta bil-karozzi tal-linja bejn il-Mellieħa u l-Manikata. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jagħmel il-parti tiegħu biex din tiġi inserita fir-riforma li qed titħejja mill-Gvern dwar it-trasport pubbliku.

7.5. Fuq ir-restrizzjoni tat-traffiku f'Misraħ il-Parroċċa, il-Kunsill kien tal-fehma li minkejja dan il-proġett irid jitwettaq mill-Awtorita` tat-Trasport, għandha ssir pressjoni biex il-Gvern jikkunsidra li jiżviluppa t-triq proġettata li ssir biswit Ġnien iż-Żerniq u l-misraħ.

7.6. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għal *e-mail* datat 29 ta' Ottubru 2009 mibgħut min TCTC Ltd dwar l-organizzazzjoni ta' korsijiet tal-kompjuter fil-Manikata. Huwa qal li biex jitwaqqaf ċentru fil-Manikata dawn qed jitolbu l-ħlas ta' €500, kif ukoll il-ħlas ta' €1,100 mill-Kunsill biex jirrendi l-korsijiet mingħajr ħlas sa massimu ta' 100 student. Alternattiva oħra tkun li kull student iħallas €25 għall-kors. Fiż-żewġ każi, il-parteċipanti jkunu jridu jħallsu €10 kull wieħed sabiex jingħataw in-noti marbuta ma' l-istess korsijiet. Il-Kunsill ikun responsabbli għat-tqassim tal-*flyers* fil-lokalita`.

7.7. Il-Kunsill kien tal-fehma li qabel din l-inizjattiva għandha tkompli tiġi kkunsidrata wara li jkun magħruf ir-rispons għaliha mir-residenti tal-Manikata. Dan billi jitqassmu l-*flyers* fil-Mellieħa u l-Manikata.

## 8.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2009 (A/5/3/6)

8.2. Is-Sindku ressaq abbozz tal-programm għal matul il-perjodu ta' Milied Mellieħi bejn id-19 u l-24 ta' Diċembru 2009, li kopja tiegħu qiegħda tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti. Huwa qal li l-programm jinkludi talenti bħalma huma Philip Vella Band, Ludvic Galea, Annabelle Debono, Luisana u Nadine Bartolo, Claudia Faniello, Chiara Siracusa, Simon Vella & Friends, Pauline Dance Studio u Astra Folk Group. Huwa qal li bħala regola, is-servizzi minn talent Mellieħi ser jingħata mingħajr ħlas, filwaqt li dak li jinġieb minn barra jingħata bi ħlas u l-ispejjeż relattivi ser jidħru fil-*Purchase Request Forms* li jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Kunsill fis-seduta li jmiss. Kien rakkomandat sabiex jisserva wkoll *Healthy Breakfast With Santa* li ser jittellgħa flimkien mal-*Health Promotion Unit* fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.

8.3. Is-Sur R. Cutajar ippropona li jkun hemm ġbir ta' fondi b'risq il-*Community Chest Fund*, liema flus jiġu ppreżentati waqt il-programm l-Istrina li jittellgħa fuq il-mezzi tax-xandir. Kien issuġġerit ukoll li għandhom jinħarġu stedin lill-persuni distinti f'diversi oqsma sabiex l-attivitajiet ikunu aktar inklussivi, fosthom il-President ta' Malta l-Eċċ. Tiegħu George Abela li għandu jintalab jiftaħ l-attivitajiet.

8.4. Huwa qal ukoll li qed isiru sforzi sabiex jinġieb *sponsorship* bil-għan li dawn l-attivitajiet ma jkunux ta' piż fuq il-finanzi tal-Kunsill. Fil-fatt saret proposta mill-kumpanija Vodafone Malta Ltd, li offriet illi tibgħat 10,000 messaġġ permezz tat-telefons ċellulari bil-għan li tingħata pubbliċita`, filwaqt li lesta tgħaddi €1,500. Flimkien ma' dawn kien hemm offerta ta' €500 mid-ditta General Soft Drinks Co. Ltd. Is-Sur R. Cutajar fakkar ukoll li saret talba lill-Bord ta' Evalwazzjoni fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni, taħt l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali.

8.5. F'dak li jirrigwarda l-pubbliċita`, is-Sindku ppropona li għandhom jiġu stampati 10,000 *flyer* li bi spiża ta' madwar €250.

8.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saru kuntatti mal-Kunsill Lokali ta' Adenau sabiex jinġiebu 25 żkuk tas-siġar mill-Ġermanja ħalli jinxtegħlu f'Misraħ il-Parroċċa qrib it-tinda. L-ispiża ta' dawn iż-żkuk telgħet minn €5 għal €10-il wieħed, filwaqt li dawn ser jinġiebu mingħajr ħlas mid-ditta Emmanuel Vella & Sons Ltd. Ġie propost ukoll li tintrama sigra tal-Milied kbira taħt it-tinda, li ġiet offruta mingħajr ħlas mill-Qasrija Flower Shop.

8.7. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**9.1.** Sejħa għall-offerti – Servizz dwar il-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku **(K/6/4)**

9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-kuntratt imsemmi skada fil-31 ta' Ottubru 2009 u għalhekk jeħtieġ issir sejħa għall-offerti.

9.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tas-sejħa.

**10.1. Kuntratt dwar il-Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq (E/1/2/Vol V)**

10.2. Is-Segretarju għarraf lill-Kunsill illi fl-assenza tas-Sindku huwa attenda laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar il-Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq li saret fis-27 ta' Ottubru 2009. Ġie spjegat li l-għan ta' din il-laqgħa kien sabiex jiġi deċiż jekk għandiex issir sejħa għall-offerti billi l-kuntratt attwali dwar il-manutenzjoni tal-lampi tat-toroq ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2009. Minħabba li ser ikun hemm tibdil fin-numru ta' kunsilli msieħba fil-Kumitat Konġunt, kien hemm qbil li l-kuntratt attwali għandu jiġi estiż sal-31 ta' Marzu 2010.

10.3. Il-Kunsill innota u qabel ma' din id-deċiżjoni fid-dawl tal-emendi li kien hemm fl-Att dwar Kunsilli Lokali, fir-rigward tal-Kumitati Konġunti.

11.1 **Żjajar kulturali fil-Mellieħa (T/12/1)**

11.2 Is-Sindku għarraf li b'riżultat tal-kuntatti li huwa kellu mas-Sinjorina Davinia Galea - Direttur **tal-Kunsill Malti tal-Kultura u l-Arti** - ix-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-Mużew tat-Tunnara qed jiġu nklużi fl-itinerarji taż-żjajar kulturali li jiġu organizzati nhar ta' Ħadd mill-istess Kunsill.

11.3 Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp b'sodisfazzjon.

**12.1. Użu tal-Barriera tal-Armier (X/1/3/Vol VI)(D/2/1)**

12.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali qed jikkonsidra li jwaqqaf id-depożitu ta' l-alka fil-Barriera ta' l-Armier, bil-għan li din tibda tintuża għall-*motor sports*. Dan sabiex ma tibqax issir ħsara f'postijiet bħal Selmun u postijiet oħra.

12.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li dan ser ikun jinvolvi spiża akbar fuq il-ġarr tal-alka, peress li ser titwal it-triq, kif ukoll ser ikun hemm it-*tipping fees* għar-rimi ta' l-istess alka fil-miżbla tal-Magħtab.

12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**13.1. Skemi ta' Finanzjament (K/6/4/1)(F/1/7)**

13.2. Is-Sindku rrefera għall-applikazzjonijiet li saru fir-rigward ta' għajnuniet taħt l-iSkema dwar l-Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali u dik dwar Fondi Speċjali. Is-Sur R. Cutajar fakkar li ta' l-ewwel kienet indirizzata lejn l-Iljieli Melleħin 2009/2010 u Milied Mellieħi 2009, li l-eżitu` tagħha jitħabbar fl-20 ta' Novembru 2009. Fil-każ tat-tieni, li tinvolvi l-*landscaping* tas-*soft area* li hemm bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida, ir-riżultat tagħha ser jitħabbar aktar tard, fit-2 ta' Diċembru 2009.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1. Maratona Sportiva – Iljieli Melleħin 2009 (A/5/3/5/Vol II)**

14.2. Is-Sindku R. Cutajar, għarraf li fil-31 ta' Ottubru 2009 saret konferenza stampa fil-bini tal-Playmobil fil-Qasam Industrijali f'Ħal Far. Għaliha attendew flimkien miegħu il-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillier H. Fenech, flimkien ma' diriġenti tal-Playmobile Malta Ltd u tal-Fond Puttinu Cares. Is-somma li ġiet ippreżentata kienet tammonta għal €1,622.

14.3. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li r-rebbieħ tal-kompetizzjoni tal-Playmobil kien Kurt Vella.

14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**15.1. *U-Bends* fit-toroq bil-*logo* ta' EDEN (T/12/Vol II)**

15.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għal-*logos* li twaħħlu fuq u-bends eżistenti fit-toroq. Huwa staqsa dwar jekk dawn humiex ser jiġu mħallsa mill-Kunsill jew minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

15.3. Is-Sindku wieġeb li dawn ser jitħallsu mill-Kunsill wara li kien ġie deċiż f'seduta preċedenti dwar il-*branding* EDEN.

## 16.1. *Malta Book Fair 2009* (F/5)

16.2. Il-Sindku għarraf li l-ftuħ uffiċjali tal-fiera kien qed isir proprju waqt il-ħin tas-seduta u kien qed jattendi għaliħ il-Viċi Sindku E. Bartolo. Huwa qal li minbarra l-kotba ppubblikati mill-Kunsill "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien" u "Il-Mellieħa – Dati Storiċi" ta' Jimmy Muscat, ser ikun hemm il-pubblikazzjonijiet tal-awturi Paul P. Borg, Suor Emma Camilleri, Josephine Mifsud u John Camilleri. Is-Sur R. Cutajar qal li l-Kunsill Lokali Mellieħa kien l-uniku u l-ewwel li qatt ipparteċipa fil-fiera. Il-fiera ser tkun miftuħa għall-pubbliku bejn il-11 u l-15 ta' Novembru 2009.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 17.1. Parteċipazzjoni fil-Fiera EMAIA f'Vittoria – Sqallija (T/12/Vol II)

17.2. Is-Sur R. Cutajar għarraf li huwa kien fil-belt ta' Vittoria fi Sqallija bejn is-7 u 9 ta' Novembru 2009 biex jattendi fl-istand tal-Mellieħa li ttellgħa fil-fiera msemmija. Huwa qal li l-istand kien jikkonsisti f'poster tal-Premju EDEN, filmat promozzjonali dwar il-lukandi fil-Mellieħa, tagħrif turistiku mtellgħa mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u pubbliċita` lis-servizz bil-catamaran offrut mill-kumpanija Virtu` Ferries. Is-Sindku qal li din l-inizjattiva ma kinitx tinvolvi ebda spejjeż lill-Kunsill.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 18.1. Inizjattiva promozzjonali għall-Mellieħa (T/12/2)

18.2. Is-Sindku għarraf li huwa kien involut f'kuntatti bejn lukandiera Melleħin, l-Emirates Airlines u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu bil-għan li jiġi stampat *brocher* turistiku dwar il-Mellieħa bil-għan li jkun jista' jitqassam f'kull dar ġewwa Ċipru. Intqal ukoll li l-lukandi kollha, bl-eċċezzjoni tal-Mellieħa Bay Hotel u l-Mellieħa Holiday Centre, aċċettaw li jikkontribwixxu €2,000 kull wieħed, filwaqt li l-Kunsill għandu jissieħeb ukoll billi jikkontriwixxi €4,000. Qed jipparteċipaw ukoll l-aġenzija ta' l-ivjaġġar ROCS Group u l-Emirates Airlines. Ġie spjegat li l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu għandha skema li permezz tagħha tikkontribwixxi l-istess ammont ta' l-oħrajn f'daqqa, meta jkun hemm dan l-inpenn mill-privat biex jirreklama lill-Malta.

18.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li kemm-il darba dan il-proġett jimmaterjalizza qabel Marzu 2010, m'hemmx provdut għalih fl-estimi. Huwa qal ukoll li l-kontribut daqshekk qawwi għandu jkun formalizzat permezz ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet kollha nkluż l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu.

18.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta dwar din l-inizjattiva u ġie deċiż li ser jipparteċipa. Is-Sindku ikkonferma li la darba il-Kunsill kien qed jaċċetta li jieħu sehem f`din l-iskema, fil-jiem li ġejjin ser titħejja d-dokumentazzjoni meħtiega mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, kif ukoll mill-Kunsill Lokali. Data għal konferenza tal-aħbarijiet biex tiġi varata din l-iniżjattiva kienet ser titħabbar fil-jiem li ġejjin

## 19.1. Jum il-Kunsill 2010 (A/5/3/1/Vol XI)

19.2. Is-Sindku ppropona li fl-edizzjoni li jmiss ta' Jum il-Kunsill, il-parti tal-varjeta` tkun tikkonsisti minn *musical* ibbażat fuq kant u mużika tal-grupp New Cuorey.

19.3. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli jiżviluppa din l-ideja, filwaqt li qabel ukoll li Jum il-Kunsill 2010 ikun nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar 2010.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-10.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 30 ta' Novembru 2009, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**